**21 ta' Frar, 1997**

**Imhallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Monica Schranz

## Xhud debitament notifikat

*Meta xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem l-Ewwel Qorti, jonqos milli hekk jidher, dik il-Qorti ma tistax tibqa' għaddejja qisu ma ġara xejn. Bħala minimu dik il-Qorti għandha tikkundanna lix-xhud għal ammenda u, kemm-il darba l-prosekuzzjoni (pulizija esekuttiva jew parti offiża ossia kwerelant, skond il-każ) ma tirrinunzjax espressament għal dak ix-xhud jew kemm-il darba l-Qorti ma tkunx tal-fehma li xhud mhux indispensabbli biex isaħħaħ l-akkuża, l-Qorti għandha ukoll tordna li dak ix-xhud jinġieb b'mandat ta' akkumpanjament jew b'mandat ta' arrest. Dan neċessarjament jimplika li l-Qorti għandha tiddiferixxi l-kawża. Altrimenti l-kawżi u l-eżitu tagħhom, jiġu jiddependu fuq jekk xhud ifettillux jobdi taħrika jew le!*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Monica Schranz talli fil-ġranet immedjatament preċedenti ċ-ċitazzjoni (li ġġib id-data tat-28 ta' Settembru, 1995), fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan bil-ħsieb li tagħmel ħsara lil Isabelle Micallef akkużat lill-istess Isabelle Micallef quddiem awtorita' kompetenti b'reat filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hi innoċenti u dan bi ksur ta' l-artikolu 101 tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi ddenunzjat lill-istess Isabelle Micallef li inġurjatha u offendietha bil-kliem;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Marzu, 1996 li biha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmija Monica

Schranz mill-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali, minnu ppreżentat fid-9 ta' April, 1996 li bih talab lil din il-Qorti tħassar u tannulla l-imsemmija sentenza, fejn l-imputata ġiet illiberata mill-imputazzjoni kif miġjuba kontra tagħha minħabba nuqqas ta' provi, tisma' mill-ġdid il-provi tal-prosekuzzjoni u tgħaddi biex tagħti sentenza tagħha fuq ir-riżultanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali hu bbażat fuq l-artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe` li l-prosekuzzjoni ġiet impeduta milli ġġib xi prova li kienet indispensabbli biex issaħħaħ l-akkuża u li skond il-liġi setgħet tinġieb;

Mill-atti jirriżulta li fl-ewwel udjenza quddiem il-Qorti Inferjuri (tat-8 ta' Novembru, 1995) l-appellata, allura imputata, ma dehritx u d-difensur tagħha talab differiment peress li kienet imsiefra. Dan id-differiment ingħata. Fl-udjenza ta' wara (24 ta' Jannar, 1996) l-imputata ma dehritx mingħajr ebda raġuni u l-Qorti ordnat il-ħruġ ta' mandat kontra tagħha. Fl-udjenza tat-28 ta' Marzu, 1996 (meta issa dehret l-imputata assistita mid-difensur tagħha) xehdu żewġ xhieda tal-prosekuzzjoni iżda xhud ieħor, Michael Grech, għalkemm debitament notifikat skond riferta esebita mill-istess prosekuzzjoni, baqa' ma deherx. Il-parti relevanti tal-verbal ta' l-imsemmija udjenza taqra hekk:

"Ix-xhud Michael Grech imsejjaħ tliet darbiet ma deherx. Il-Prosekuzzjoni ppreżentat riferta posittiva tax -xhud;

Il-Qorti ssib ix-xhud Michael Grech ħati ta' disprezz lejn l-Awtorita` tagħha u tikkundannah għal multa ta' Lm25;

Inghatat sentenza";

Din il-Qorti diġa' kellha l-opportunita' li tosserva f'diversi sentenzi taghha li meta xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem l-Ewwel Qorti, jonqos milli hekk jidher, dik il-Qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qisu ma ġara xejn. Bhala minimu dik il-Qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghal ammenda u kemm-il darba l-prosekuzzjoni (Pulizija Esekuttiva jew parti offiża ossia kwerelant, skond il-każ) ma tirrinunzja espressament ghal dak ix-xhud jew kemm-il darba l-Qorti ma tkunx tal-fehma li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuża il-Qorti ghandha ukoll tordna li dak ix-xhud jinġieb b'mandat ta' akkumpanjament jew b'mandat ta' arrest (artikolu 441 (4) u 525 (1) (a) tal-Kap. 9). Dan neċessarjament jimplika li l-Qorti ghandha tiddifferixxi l-kawża. Altrimenti l-kawżi u l-eżitu taghhom, jiġu jiddependu fuq jekk xhud iftettilux jobdi tahrika jew le! Fil-każ in diżamina huwa veru li l-Ewwel Qorti kkundannat lix-xhud ghal disprezz, pero' imbaghad, minghajr ma l-prosekuzzjoni kienet irrinunzjat ghal dak ix-xhud, ghaddiet ghas-sentenza. L-esebizzjoni tar-riferta kienet indikazzjoni ċara li l-prosekuzzjoni ma kinitx qed tirrinunzja ghal dak ix-xhud ghax kieku ma kien ikollha ebda interess li tesebixxi r-riferta relattiva. Kif ġie ukoll osservat fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Mejju, 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Louis Farrugia** meta kawża tiġi ddifferita diversi drabi u kull darba x-xhieda li jkunu ġew imharrka ma jittelghux jixhdu, tikber il-possibbilita' li ghal seduta sussegwenti xi wiehed jew aktar minn dawk ix-xhieda jiddeċidi li jinjora t-tahrika u ma jidhirx. Dan qed jinghad ghax din il-Qorti tifhem li kull min hu involut fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja ghandu jkun sensittiv ghall-inkonvenjent ikkaġunat lil persuna li tiġi mharrka biex tidher il-Qorti darba, darbtejn jew tliet darbiet u kull darba din ma tissejjahx biex tixhed. Dan l-inkonvenjent ghandu, safejn hu possibbli u kompatibbilment mar-retta ammistrazzjoni tal-ġustizzja, jiġi minimizzat jew addirittura eliminat. Ghal kull

buon fini, l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenzi ċċitati fl-imsemmija sentenza **Il-Pulizija *vs* Louis Farrugia** kif ukoll għas-sentenza ukoll ta' din il-Qorti, tat-8 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Pierre Schembri**;

Għalhekk il-Qorti ser tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali. Il-Qorti pero`, ma taqbilx li għandha tkompli tisma' hi stess il-provi f'dana l-istadju, u dana mhux biss biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-doppju eżami, iżda ukoll għax mhux ċar mill-imputazzjoni kif ifformulata jekk din tipotizzax reat ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali (artikolu 101 (1) (b), Kap. 9) li dwaru għandha ssir kumpilazzjoni jew reat ta' kompetenza tal-Qorti tal-maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (artikolu 101 (1) (ċ), Kap. 9); u għalhekk ser tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex din tipproċedi skond il-liġi;

Għall-motivi premessi, l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Marzu, 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Stephen J. Gatt) *vs* Monica Schranz** u tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura lil dik l-istess Qorti sabiex din tipproċedi mill-ġdid u skond il-liġi fuq l-imputazzjoni kir miġjuba kontra l-appellata.

---